Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral"

[COM(2020) 215 final – 2020/95(COD)]

(2020/C 429/36)

Relatur: **Gabriel SARRÓ IPARRAGUIRRE**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 17.6.2020
	Kunsill, 8.6.2020
Bażi legali	L-Artikoli 43(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	8.7.2020
Adottata fil-plenarja	18.9.2020
Sessjoni plenarja Nru	554
Riżultat tal-votazzjoni	215/0/4
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jtenni l-fehma tiegħu dwar il-proposta għal Regolament li qed tiġi kkunsidrata, kif iddikjarat fl-Opinjoni 2018/05155 ([1]) tiegħu, u li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha ġew spjegati fid-dettall hawn taħt.

1.2 Il-Kumitat iqis li hemm bżonn li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' kontroll adottati mill-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) jiġu trasposti fid-dritt tal-Unjoni bil-għan li jiġu applikati b'mod uniformi u effettiv fi ħdan l-UE.

1.3 Madankollu, il-KESE jqis li l-Proposta mressqa ma tistabbilixxix mekkaniżmu effiċjenti għat-traspożizzjoni tar-regoli adottati min-NAFO u ma tindirizzax il-ħtieġa li dawn jiġu aġġornati kull sena.

1.4 Il-Kumitat huwa favur mekkaniżmu aktar effiċjenti u sempliċi. Għaldaqstant jipproponi regolament b'artikolu wieħed biss li jistabbilixxi li, fir-rigward tal-flotta tagħha, l-Unjoni Ewropea għandha assolutament tapplika r-regoli adottati min-NAFO.

1.5 Il-KESE jenfasizza r-riskju li ġġib magħha l-introduzzjoni tas-sistema tal-atti delegati li permezz tagħha l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tilleġisla mingħajr ma tkun soġġetta għal proċeduri ordinarji.

2. **Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni**

2.1 L-għan prinċipali tal-proposta li qiegħda titqies huwa li fid-dritt tal-Unjoni jiġu integrati l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' kontroll adottati fil-41 Laqgħa Annwali tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO), li saret f'Settembru 2019.

2.2 Għalhekk huma proposti għadd ta' emendi tekniċi relatati mat-terminoloġija li tirrigwardja l-limiti tal-qbid u tal-isforz, l-għeluq tas-sajd, il-qabdiet miżmuma abbord, id-daqs tal-malja u l-ġurnali ta' abbord dwar is-sajd u dwar il-produzzjoni. Huma inklużi wkoll id-dmirijiet addizzjonali tal-ispezzjoni u jiġu ssemplifikati r-rapporti ta' kull xahar dwar il-qabdiet.

2.3 Barra minn hekk, qed jiġu proposti għadd ta' bidliet editorjali speċifiċi għall-ħalibatt ta' Greenland, il-ġurnal ta' abbord tal-produzzjoni u l-proċedimenti ta' ksur, b'referenzi għas-sit web ta' din l-organizzazzjoni dwar il-kontroll u s-sorveljanza tal-bastimenti tas-sajd.

([1]) Opinjoni tal-KESE dwar Miżuri ta' konservazzjoni u kontroll li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU C 159, 10.5.2019, p. 60).

2.4 Miżuri oħra proposti huma relatati mal-kjarifika tal-użu tal-istrumenti tal-kejl u mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-klieb il-baħar, billi ġew proposti il-projbizzjoni tas-sajd dirett għall-kelb il-baħar ta' Greenland u t-tnaqqis ta' qabdiet inċidentali ta' din l-ispeċi. Id-dispożizzjonijiet dwar l-arranġamenti tal-kiri huma ċċarati wkoll.

2.5 Il-proposta tiddelega setgħat lill-Kummissjoni biex temenda d-dispożizzjonijiet ta' konservazzjoni u ta' kontroll relatati ma' kwistjonijiet tekniċi, bħad-daqs tal-malji, l-għeriebel jew il-gradilji kif ukoll il-ktajjen bil-kuċinilli li jintużaw fis-sajd għall-gambli tat-Tramuntana, u r-restrizzjonijiet fuq iż-żoni fejn jista' jsir sajd tal-qiegħ. Dan kollu bil-għan li fid-dritt tal-Unjoni jiġu introdotti, b'mod rapidu u sempliċi, emendi futuri possibbli li għandhom jiġu adottati fil-qafas tan-NAFO u li huma relatati ma' dawn il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' kontroll.

2.6 Il-proposta temenda r-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tal-20 ta' Mejju 2019.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Il-KESE jqis li huwa neċessarju li jiġu trasposti fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' kontroll adottati fl-aħħar laqgħa annwali tan-NAFO sabiex jiġi żgurat li tiġi applikata b'mod uniformi fl-UE.

3.2 Madankollu, il-Kumitat huwa tal-fehma li din il-proċedura ta' traspożizzjoni għadha mhux ibbażata fuq mekkaniżmu flessibbli, peress li dawn il-miżuri jinbidlu kull sena u l-proċeduri burokratiċi tal-UE jimxu bil-mod ħafna, u dan iwassal għal distakk kontinwu bejn ir-regoli adottati min-NAFO u l-leġiżlazzjoni tal-UE.

3.3 Il-KESE jindika li qed nanalizzaw din il-proposta għal Regolament preċiżament minħabba li ma ġietx adottata proċedura oħra aktar flessibbli, bħal dik proposta minn dan il-Kumitat fl-2019, u li kienet appoġġjata mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u s-setturi kkonċernati. Dan ikun regolament sempliċi b'artikolu wieħed, li jinkludi impenn min-naħa tal-Unjoni Ewropea li tapplika r-regoli adottati min-NAFO għall-flotta tagħha kull sena.

3.4 Il-Kumitat iwissi li l-proċedura attwali twassal għal sitwazzjoni ta' inċertezza legali, mhux biss għan-negozji iżda wkoll għall-amministrazzjonijiet infushom, minħabba kunflitt ta' regolamenti; barra minn hekk, toħloq distorsjonijiet fl-implimentazzjoni tal-miżuri fir-rigward tal-flotot ta' pajjiżi terzi.

3.5 Il-KESE jemmen li l-unika ħaġa li ser tiffaċilita l-introduzzjoni tas-sistema ta' atti delegati hija li l-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi regoli mingħajr il-ħtieġa ta' proċeduri ordinarji.

Brussell, it-18 ta' Settembru 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

([2]) ĠU L 141, 28.5.2019, p. 1.